Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2597/2002

***Mobisle Communications Limited***

***vs***

***Mohammed Farouk***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm358.50) rappresentanti bilanc minn prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 11377 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Gunju 2001 u Dicembru 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-24 ta' Gunju 2002, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.



Qrati tal-Gustizzja

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Peter Sammut ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm358.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Gunju 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------